**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Novembru 2017 – Toontrack Music vs EUIPO (SUPERIOR DRUMMER)**

**(Kawża T-895/16)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali SUPERIOR DRUMMER — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1002)")***

(2018/C 022/53)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Toontrack Music AB (Umeå, l-Isvezja) (rappreżentant: L.-E. Ström, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-3 ta' Ottubru 2016 (Każ R 2438/2015-5), dwar ir-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali SUPERIOR DRUMMER bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Toontrack Music AB hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 46, 13.2.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Novembru 2017 – Laboratorios Ern vs EUIPO – Sharma (NRIM Life Sciences)**

**(Kawża T-909/16)** ([1])

***["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali NRIM Life Sciences — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti RYM — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2001]"]***

(2018/C 022/54)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Laboratorios Ern, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: S. Correa Rodríguez, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Bonne, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Anil K. Sharma (Hillingdon, ir-Renju Unit)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Settembru 2016 (Każ R 2376/2015–5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Laboratorios Ern u A. K. Sharma.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Laboratorios Ern, SA, hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

(1) ĠU C 53, 20.2.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Novembru 2017 – Mackevision Medien Design vs EUIPO (TO CREATE REALITY)**

**(Kawża T-50/17)** (1)

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea TO CREATE REALITY — Trade mark ikkostitwita minn slogan ta' reklamar — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")***

(2018/C 022/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Mackevision Medien Design GmbH Stuttgart (Stuttgart, il-Ġermanja) (rappreżentanti: E. Stolz, U. Stelzenmüller u J. Weiser, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Graul u S. Hanne, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Diċembru 2016 (Każ R 995/2016-5), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjal verbali TO CREATE REALITY bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Mackevision Medien Design GmbH Stuttgart hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

(1) ĠU C 104, 3.4.2017.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Novembru 2017 – Digital Rights Ireland vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-670/16)** (1)

***("Rikors għal annullament — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali — Trasferiment ta' data personali lejn l-Istati Uniti — Kumpannija mingħajr skop ta' lukru rregolata mid-dritt Irlandiż — Assenza ta' protezzjoni ta' data personali għall-persuni ġuridiċi — Persuna responsabbli għall-ipproċessar — Rikors f'isem il-membri u s-sostenituri — Rikors fl-interess pubbliku — Inammissibbiltà")***

(2018/C 022/56)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Digital Rights Ireland Ltd (Bennettsbridge, l-Irlanda) (rappreżentant: E. McGarr, solicitor)